MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 83/2010

**A B**

**-vs-**

**C B;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tas-7 ta' April 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) twieldet lill-esponenti l-minuri D B, u dana kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. TM1, u

dan waqt relazzjoni illi r-rikorrenti kellha ma’ terz mhux maghruf;

Illi permezz ta’ testijiet ta’ paternita’ kondotti mill-esponenti Dok. DNA 1 u 2, jirrizulta illi l-minuri D B ma hijiex il-wild naturali tal-intimat C B;

Illi l-minuri giet registrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata u fuq Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 3822 tas-sena 2003, fil-kolonna indikattiva ta’ missier it-tarbija hemm id-dettalji tal-intimat C B;

Illi r-rikorrenti ghandha interess illi l-intimat C B ma jibqax jidher bhala missier il-minuri D B peress illi ma hijiex il-wild naturali tieghu.

Ghaldaqstant, l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri D B ma hijiex il-wild naturali tal-intimat C B u dana prevja l-konferma tat-testijiet tal-paternita’ esebit mal-prezenti.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri D B numru ta’ iskrizzjoni 3822 tas-sena 2003, jaghmel is-soluzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta’ missier it-tarbija, dana jigi sostitwit bil-kliem ‘missier mhux maghruf’.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tas-7 ta’ April 2010, li permezz tieghu, gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud biex jirraprezentaw lill-minuri D B.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi *in limine litis*, l-esponent jistqarr illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

Illi madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtigielha illi tipprova l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha C B u dan tul il-perjodu li jispecifika l-**Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi fl-istess waqt, ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 3822 tas-sena 2003;

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati t-tieni u t-tielet eccezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali stante li huwa opportun li jekk il-minuri ha titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiz-zwieg (stat moghti lilha bl-applikazzjoni tal-prezunzjoni *iuris et de jure* imsemmija fl-**Artikolu 101 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**) talanqas hija ghandha jkolha idea min jista' jkun il-missier naturali taghha fl-eventwalita' li 'l quddiem hija jkollha interess li tesperixxi proceduri ghar-ricerka tal-paternita' taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghas-surriferit, dejjem f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3822 tas-sena 2003.

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-

rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati fis-7 ta' Mejju 2010, il-fuq imsemmija kuraturi ma pprezentaw ebda twegiba.

Rat l-affidavit kollha, partikolarment dak tal-ispizjara Marisa Cassar a fol. 33 tal-process li permezz tieghu, l-attrici rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-minuri D tassew m'hijiex bint C B.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet tal-attrici u tiddikjara illi l-minuri D li twieldet fil-25 ta' Ottubru 2003 m'hijiex wild C B. Il-Qorti ghalhekk tordna li fl-att tat-twelid Nru. 3822 tas-sena 2003, mill-kolonna bit-taghrif dwar il-missier jithassru l-konnotati kollha ta' C B u jitnizzlu minflok il-kliem "missier mhux maghruf". Mill-kolonna bit-taghrif dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------